**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru** **5**
**Citaz. Nru.** **893/90 FD**

**Carmen Fenech f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' ulieda minuri Caroline u Stephen kif awtorizzata b'digriet tas-Sekond' Awla 833/90.**

**Vs**

**Paul Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fis-16 ta' Gunju 1968 u wara ftit beda inkwiet serju bejniethom u kellhom erbat itfal, tnejn illum minorenni;

Premess illi u fl-interess tal-minuri Caroline u Stephen li jigu fdati fil-kura u l-kustodja ta' ommhom;

Premess illi l-konvenut ghandu l-obbligu jmantni adegwatament l-attrici u lil uliedhom minuri;

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba swat, sevizzji u ngurji gravi;

Premess illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba htijiet attribwibbli lil zewgha l-konvenut;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet tal-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri Caroline u Stephen retta alimentari xierqa u adegwata skond il-mezzi tieghu;

3. Tafda f'idejn l-attrici l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Caroline u Stephen b'access ghal missierhom;

4. Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti dotali u parafernali kollha taghha;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u konsegwentement tillikwida l-istess u tiddividiha billi tassenja sehem lill-attrici u sehem lill-konvenut u dana fi kwoti ndaqs bejniethom.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine*, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante li kienet l-istess attrici li b'ghemilha gabet it-tifrik taz-zwieg bejn il-kontendenti;

2. Illi b'referenza ghat-talbiet partikolari ghall-kustodja tat-tfal minuri Stephen u Caroline u ghall-manteniment ta' l-attrici u ta' l-istess minuri, jinghad li l-istess attrici qeghda tahdem u ghalhekk tindab fi grad illi tipprovdi ghaliha nnifisha u fl-istess waqt, il-hin disponibbli ghaliha biex tikkura lill-uliedha minuri huwa ridott.

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 1993 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Marco Griscti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 1996 li permezz tieghu gie nominat il-perit arkitett David Pace biex jaghmel stima tad-dar matrimonjali;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess imsemmi Dr. Marco Griscti li tinsab a fol 157 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-4 ta' Dicembru 1996;

Rat ukoll ir-rapport ta' l-imsemmi perit arkitett David Pace li jinsab a fol 179 *et sequitur* tal-process u li gie minnu kkonferma fl-4 ta' Lulju 1997;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Marzu 1998 fejn wara talba tal-konvenut ghan-nomina ta' periti addizzjonali, gew nominati ghal dan l-iskop il-periti Joseph Falzon, Paul Camilleri, u Frederick Doublet;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmija tliet periti addizzjonali li jinsab a fol 218 *et sequitur* tal-process u dan gie minnhom konfermat skond ma jidher a fol 222 *tergo* tal-process;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet li l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut, u talbet ukoll il-manteniment ghaliha u ghaz-zewg minuri uliedhom Caroline u Stephen, u li dawn jigu fdati fil-kura taghha; talbet ukoll ir-ritorn tal-beni parafernali u x-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-konvenut eccepixxa illi t-tort tat-tkissir taz-zwieg kien ta' l-istess attrici illi b'ghemilha gabet it-tifrik taz-zwieg; huwa eccepixxa wkoll illi l-attrici kienet tahdem u ghalhekk kellha mezzi biex tmanti lilha nnifisha u anke lil uliedha li ghalihom ma kienx qed ikollha tant zmien biex tiddedika minhabba x-xoghol taghha.

Illi rrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1968 u ghal sitt snin ma jidhirx li kien hemm xi problemi

partikolari bejniethom; madwar l-1974 il-konvenut ried li huma jemigraw lejn l-Awstralja izda l-attrici ma qablitx u minflok huma hadu *bar* u bdew jiggestuh flimkien, u kien f'dan iz-zmien li l-konvenut qabad il-vizzju tax-xorb u anke tal-loghob tal-karti; il-konvenut wegga' u nghata somma ta' madwar Lm5000, u beda jinghata *injury benefit* u l-attrici tghid li f'dawk ic-cirkostanzi hija kienet kostretta tohrog tahdem u rrilevat li l-flus li kien dahhal mill-korriment, il-konvenut uzahom biex xtara karozza gdida illi kien juza huwa biss u kien jichad lill-martu l-fakolta li tuza l-karozza meta ma kienx qed juzaha hu. Illi l-imgieba hazina tal-konvenut giet konfermata minn diversi xhieda anki jekk dawn huma familjari hlief ghal Dr. Giannella Caruana Curran illi maghha l-attrici tahdem.

Illi r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti bdew imorru ghal aghar u komplew imorru f'din id-direzzjoni u wara xi zmien l-attrici bdiet tohrog filghaxija wahedha u l-konvenut ghal bidu ma ghamel ebda oggezzjoni izda mbaghad meta beda jinqala’ izjed inkwiet wera' li dan ma kienx qieghed joghogbu.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jipprova jaghti verzjoni li huwa dejjem hadem u dejjem ipprovda ghall-familja pero` anki fid-dikjarazzjoni tieghu huwa ammetta illi kellu d-delizzju tal-loghob tal-karti u dan sa minn qabel ma zzewweg;

Illi l-konvenut jikkontendi li l-inkwiet beda meta martu riedet tohrog wahedha; huwa stess jammetti pero` li ghall-ewwel ma oggezzjonax. Isemmi li martu laqqaghtu ma' diversi hbieb u fosthom il-

koppja Grech u dwar din ir-relazzjoni il-konvenut jaghmel forma ta' insinwazzjonijiet illi pero` ma gew bl-ebda mod la konfermati u wisq anqas sostanzjati.

Illi jrid jigi rilevat li ghalkemm il-partijiet damu snin fl-istadju tal-provi, il-konvenut ma tantx issostanzja l-allegazzjonijiet tieghu bix-xhieda, tant li pratikament il-verzjoni tieghu tieqaf biss fuq dak li qal hu; il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha li tressqu mill-kontendenti taqbel ma' l-opinjoni ta' l-abbli relatur illi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg kienet tal-konvenut li bil-vizzji tieghu ddistakka ruhu minn martu u minn uliedu sal-punt meta d-dar ghalih saret biss speci ta' lukanda fejn huwa lanqas biss kien milqugh anzi kien ikkonsidrat qisu xi estraneu.

Illi jrid jigi rilevat illi tul is-snin ta' din il-kawza saru diversi tentattivi biex il-vertenza bejn il-kontendenti tigi komposta jew almenu evitata u dan jidher b'mod car mid-diversi verbali senjatament dak ta' l-Udjenza tas-26 ta' Gunju 1994; b'dana kollu ma sar xejn definittiv, u jidher li l-problema principali bejn il-partijiet kien il-mod kif kellha tigi determinata l-kwistjoni tad-dar matrimonjali;

Illi l-rapport ta' l-espert legali Dr. Marco Griscti gie konfermat iktar minn erba' snin u nofs ilu u minn dak inhar, harsa lejn il-process u l-verbali ta' l-udjenzi turi b'mod car li kull ma kien qieghed isir kienu tentattivi biex il-partijiet jasslu ghal xi forma ta' ftehim dwar dan l-uniku assi ta' relevanza tal-komunjoni ta' l-

akkwisti, anki peress li ma jirrizultax li l-attrici resqet xi provi dwar il-beni parafernali taghha hlief ghal magna tal-hjata li jidher li dwarha hemm qbil u li dina ghalhekk ghandha tigi moghtija lill-attrici;

Illi dwar id-divizjoni tad-dar matrimonjali, ir-rapport peritali mahluf fl-4 ta' Dicembru 1996 ssuggerixxa li "*peress li ma hemmx possibilita` ta' divizjoni tal-proprjeta` l-esponenti jissottometti li d-dar konjugali ghandha tinbiegh u r-rikavat ghandu jigi diviz bejn il-kontendenti*"; illi dwar dan il-punt, skond ma jidher anki min-noti pprezentati kien hemm oggezzjoni illi opinjoni bhal din kienet tmur oltre t-talba kontenuta fic-citazzjoni, pero` il-Qorti tifhem li wara li ezaminat f'hiex jikkonsistu l-beni tal-komunjoni jista' jinhtieg li jkun hemm bejgh tal-proprjeta` basta din tkun debitament regolata b'mod li jkun hemm partizzjoni gusta tal-beni komunitarji.

Illi in segwitu, gie pprezentat ir-rapport ta' l-espert arkitett dwar l-istima tad-dar matrimonjali u wara l-appozita nota ghan-nomina ta' periti addizjonali dawn gew mahtura u anke pprezentaw rapport finali taghhom minn dan jidher li kien hemm nuqqas serju ta' qbil dwar il-valutazzjoni opportuna; dwar dan il-punt irid jigi rilevat illi rrizulta wara n-nomina li tnejn mill-periti li gew nominati kienu diga` ispezzjonaw il-fond u ghalhekk probabilment kienu anki taw indikazzjoni tal-valur li fl-opinjoni taghhom kien jixraq lill-proprjeta` in kwistjoni.

Illi ghalkemm ma jirrizulta xejn car mill-atti jidher li l-partijiet kienu qed jikkontemplaw il-possibilita` li d-dar tinxtara minn xi wahda mill-istess partijiet u dwar dan il-Qorti setghet tifhem l-istadju ta' dawn id-diskussjonijiet anki fid-dawl tal-kontenut tal-verbal ta' l-Udjenza tal-31 ta' Jannar ta' din is-sena;

Illi fir-rapport ta' l-espert Dr. Marco Griscti dana ghamel suggeriment ta' kif kellha tinqasam l-ghamara li giet elenkata mill-attrici u s-suggerimenti tieghu dwar il-qasma jinsabu fil-pagna 12 tar-rapport tieghu, li qeghda a fol 170 tal-process;

Illi jigi pero` rilevat illi skond ma jidher fil-verbal ta' l-Udjenza tal-11 ta' Novembru 2000 hemm ukoll bhala parti mill-komunjoni karozza Hyundai, mutur u makkinarju ta' mastrudaxxa u dwar dawn ma tressqux provi konkreti u l-Qorti wara li kkonsidrat in-natura tat-tliet oggetti imsemmija li ghandhom jigu assenjati lill-konvenut bhala sehmu mill-komunjoni u ghalhekk eventwalment fid-decide ser jigi kkundannat ihallas Lm2000 lill-attrici bhala ekwiparazzjoni;

Illi dwar it-talba ghar-ritorn tal-beni parafernali il-Qorti ser tiddeciedi li l-magna tal-hjata li tidher li kienet parafernali ta' l-attrici ghandha tigi assenjata lilha;

Illi dwar it-talba ghal manteniment il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in kwantu tirreferi ghall-ulied tal-kontendenti li ghalqu l-eta` jew li huma impjegati. Dwar din it-talba in kwantu tirreferi ghall-manteniment dovut lill-

attrici personalment il-Qorti tifhem li hija prezentament qeghda tahdem u ghandha ntrojtu regolari u pjuttost remunerevoli pero` fid-dawl tal-qligh li z-zewg partijiet jippercepixxu, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar u jkun hemm ukoll ziedet perjodici kif ser jinghad fl-ahhar parti tas-sentenza.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad ukoll in parti anki t-tieni eccezzjoni minnu sollevata;

Tilqa' l-Ewwel Domanda attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti u dan minhabba htijiet tal-konvenut;

Tiddeciedi t-Tieni Domanda billi wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel parti cioe` dik relattiva ghall-ulied li kienu minuri Caroline u Stephen, tilqa' r-rimanenti parti tat-talba cioe` dik relattiva ghall-manteniment dovut lill-attrici personalment u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar liema somma ghandha tigi riveduta kull hames (5) snin skond id-differenza fl-indici ta' l-gholi tal-hajja;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda relattiva ghall-kura u kustodja ta' l-imsemmija ulied tal-kontendenti;

Tilqa' ir-Raba' Domanda u tiddikjara li l-attrici ghandha tiehu lura l-magna tal-hjata u l-konvenut ghandu jirrinunzja kull dritt fuq l-istess oggett;

Tilqa' l-Hames Domanda u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividiha billi tassenja lill-attrici l-main bedroom, il-washing machine u dak kollu li jinsab fil-kamra tat-television, kif ukoll is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) u parti mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali li ser jigi ordnat aktar 'il quddiem bil-modalita indikata; waqt li lill-konvenut qed jigu assenjati l-bedrooms l-ohra fid-dar matrimonjali, il-kcina u s-sitting room u dak kollu li jinsab fiha, il-karozza Hyundai u l-mutur u l-ghodda ta' mastrudaxxa li jinsabu fil-garage; il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ elfejn lira Maltin (Lm2000) kif fuq imsemmi, u jkun responsabbli ghall-kontijiet kollha dovuti bhala arrettrati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, u ghas-servizzi kollha pprovduti lid-dar matrimonjali sad-data ta' meta din is-sentenza tghaddi in gudikat; waqt li minn din id-data sa meta l-fond jigi trasferit kif hawn kontemplat, dawn il-kontijiet ghas-servizzi ghandhom jigu sopportati miz-zewg kontendenti bin-nofs. Tordna li d-dar matrimonjali flimkien mal-garage ta' hdejha ghandhom jinbieghu in subbasta bl-intervent ta' obblaturi estranei fi zmien sena minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat, b'dan li f'dan il-perjodu ta' sena il-partijiet jistghu jiftehmu li d-dar tigi trasferita mod iehor u f'kull kaz mir-rikavat, l-ewwel ghandu jitnaqqas l-ammont li jkun ghadu dovut lill-Bank ghas-self li kien sar; il-

bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu il-pendenzi ta' bejn il-kontendenti skond kif gie ordnat b'din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur